# Restawr tal-Arloġġ tal-Knisja Parrokkjali

**mis-Sur Stephen Zammit**

**Restawratur tal-Arloġġi antiki, intervistat minn Ninu Bezzina**



Is-Sur Stephen Zammit, barra li huwa vjolinist mal-orkestra nazzjonali, isib ħin ukoll biex jaħdem fuq "passatemp" għal qalbu ħafna, dak li jirrestawra l-arloġġi fil-knejjes u f'postijiet oħra. Fost il-ħafna arloġġi li għaddew minn taħt l-idejn abbli tiegħu hemm dak tal-parroċċa tagħna li bħalissa qed jerġa' jiġi mpoġġi f'postu fil-kampnar. Għalhekk qed nieħu din l-okkażjoni biex waqt li qed isir dan ix-xogħol nieħu ftit tagħrif dwar ir-restawr li qed isir. Nista' ngħid li issa sirt ħabib sew ma' Steve, bejn għax iċempilli biex niftaħlu l-post u bejn għax ġieli wkoll nitla' ħdejh narah jaħdem.

**M: Mill-esperjenza vasta tiegħek dwar dawn l-arloġġi, tista' tagħtina xi ndikazzjoni meta seta' sar dan l-arloġġ?**

**T:** Minn kif inhu l-istil tal-magna wieħed jista' jgħid li dan l-arloġġ huwa tas-seklu tmintax u huwa wkoll wieħed mill-eqdem arloġġi li għandna f'Malta.

**M: Minn fejn tista' tagħraf li dan l-arloġġ huwa daqstant antik?**

**T:** Il-fatt li dan l-arloġġ għandu minutiera waħda diġa jurik li dan huwa iktar antik minn dawk b'żewġ minutieri, li kienu ġew ivvintati wara. Hawn wieħed jista' jgħid li billi l-post fejn hawn l-arloġġ huwa żgħir ħafna, huwa ċar li l-arloġġ tal-Knisja tal-Qrendi ġie mibni apposta id-daqs li hu, biex ikun jista joqgħod fil-post fejn qiegħed. Wieħed jista' jżid ukoll illi meta nbena l-kampnar, jidher li ġie maħsub biex ikun hemm ħofra (bħal bir) l-għoli tal-kampnar kollu f'nofs il-garigor biex ikunu jistgħu jinżlu fih il mażżri tal-arloġġ.

**M: Tista' tiddeskrivi ftit il-mod kif inhu mibni dan l-arloġġ?**

**T:** Bħal kull arloġġ li nsibu ta' dan iż-żmien, dan għandu qafas tal-ħadid, li miegħu jaqbad ħadid wieqaf li jżomm ir-roti tal-arloġġ f'posthom. Dawn it-tipi t'arloġġi huma magħrufa bħala 'Birdcage' minħabba li jixbhu lil gaġġa t'għasfur. Dawn huma nieqsa minn protezzjoni għat-trab minħabba li huma kbar u robusti. B'hekk l-uniku lqugħ kien ikun fl-ambjent, jiġifieri fil-kamra fejn kien ikun imqiegħed l-arloġġ.

**M: U xi tgħid dwar il-magna tiegħu?**

**T:** Meta wieħed jara l-magna tal-arloġġ, din tidher bħala ħaġa waħda, imma fil-fatt hija maqsuma fi tliet sezzjonijiet: Il-parti tan-nofs, li tħaddem il-minutiera li naraw fuq barra tal-kampnar, u l-partijiet tal-ġnub li jieħdu ħsieb id-daqq. Naħa minnhom tikkontrolla l-kwarti u n-naħa l-oħra tieħu ħsieb is-sigħat. Ir-roti huma kollha tal-ħadid, minbarra is-snien tar-rota tal-iskappament li huma tal-bronż. Dawn kienu jkunu magħmulin apposta biex iservu aktar. Ma ninsewx li dan l-arloġġ għandu madwar 250 sena u meta, f'dak iż-żmien l-arloġġ kien imur ħames minuti 'l hawn u 'l hinn ma tantx kien jimporta, iżda llum differenti. Għalhekk bħalissa diġà qed isiru provi biex nara kif se jaħdem l-arloġġ u nġibu jaħdem kemm jista' jkun eżatt.

**M: Il-mod kif jindika l-ħin kien permezz tal-kwarti u sigħat, tista' telabora ftit dwar dan?**











**T:** Dan l-arloġġ huwa magħmul biex idoqq kull kwarta, iżda s-sigħat ma jdoqqhomx kollha minn wieħed sa tnax. Huwa jirrepeti mis-sebgħa sa nofs il-lejl, l-istess bħal meta jdoqq mis-siegħa sas-sitta. Dan kien magħmul apposta biex ma jaħlix ħafna ħabel peress li kien iservi ġurnata biss. Fil-fatt fl-antik, kien ikun parti mix-xogħol tas-sagristan li jagħti l-ħabel lill-arloġġ. Parti interessanti li għandu dan l-arloġġ hi li fis-sitta neqsin kwart ta' filgħodu u ta' filgħaxija, dan idoqq sbatax-il tokk fuq tas-sigħat. Fl-antik din kienet ta' għajnuna lis-sagristan għax jiffranka li jdoqq għall-quddiesa, kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija għar-raġuni li l-arloġġ kien idoqq it-tokki għall-quddies waħdu.

**M: Kif tiddeskrivi l-ħsara li kellu?**

**T:** Il-ħsarat li kien hemm u r-restawr li sar fuq dan l-arloġġ huma kbar ħafna. Biżżejjed insemmi r-roti li kellhom jiżżarmaw kollha biex jissewwew u jerġgħu jiġu fl-istat oriġinali tagħhom. Ridt nagħmel attenzjoni kbira biex dawn jiġu msewwijin bl-istess mod oriġinali kif kien inbena, jiġifieri li ma jintużax 'welding' iżda kollox bl-irbattituri. Ried isir ukoll it-tindif sew ta' kull biċċa mis-sadid li kien trabba maż-żmien.

Parti oħra tat-tiswija li għamilt kienet fil-fatt tikkonsisti fit-tibdil tas-snien tal-iskappament u dawn ukoll kellhom isiru ġodda, għax minħabba xi tiswijiet għaġġiela li saru ħafna żmien ilu, dawn is-snien ma baqgħux bid-distanzi eżatti bejniethom kif suppost ikunu.

B'hekk, permezz tar-restawr li sar, issa jkun qiegħed jaħdem aħjar u jkollu l-ħin miżmum aħjar milli kien qed imur sakemm ħadem l-aħħar. Barra minn dan, ix-xogħol estenda wkoll 'il fuq sa ħdejn l-imrietel li jaħbtu fuq il-qniepen li spiċċaw bis-sadid kif ukoll il-ħsara fis-seratizzi li kienu jżommu dawn l-imrietel. Issa minflok is-seratizzi twaħħlu travi tal-ħadid galvanizzat u l-biċċa l-kbira tal-għamla tal-imrietel se tkun tal- 'stainless steel' biex kemm jista jkun jirreżistu l-elementi.

**M: Nixtieq tagħtina xi tagħrif dwar kif ser ikun jaħdem l-arloġġ hekk kif jiġi armat kollu f'postu?**

**T:** Għalkemm dan l-arloġġ mhux xi wieħed ta' daqs kbir ħafna, xorta waħda jirrikjedi ħsieb biex kemm jista' jkun isirlu restawr tajjeb mingħajr ma titneħħielu xejn mill-oriġinalità tiegħu. Fi żminijiet oħra u bħalma kien isir f'parroċċi oħra, is-sagristan jew xi ħaddieħor, kien ikollu jitla' fil-kampnar kuljum biex jagħti l-ħabel l-arloġġ billi jtella' tlett mażżri ta' daqsijiet differenti permezz ta' mradd. Dan kollu ser jibqa' kif kien qabel, jiġifieri, wieħed jista' juża l-imradd bħal qabel. Imma llum, b'invenzjoni tiegħi u bit-teknoloġija li hawn, sibt mezz kif l-arloġġ jista' wkoll jieħu l-ħabel waħdu f'ċertu ħinijiet differenti biex wieħed ma joqgħodx jieħu l-inkarigu li jitla' fil-kampnar.

**M: Mistoqsija li qed tiġi f'moħħi issa hija: Billi l-arloġġ issa ser ikun qed jieħu l-ħabel waħdu permezz tal-elettriku, jekk ikun hemm qtugħ fis-sistema tal-elettriku l-arloġġ ser jieqaf?**

**T:** Le, xejn minn dan. F'każ li jinqata' d-dawl l-arloġġ ser ikollu ħabel biżżejjed biex ikompli jaħdem billi s-sistema ser iġġagħlu jieħu l-ħabel kull tant ħin matul il-ġurnata u għalhekk ma jistax jieqaf.

**M: Din is-sistema tiegħek użajtha fi knejjes oħra?**

**T:** Iva. Minn xi tnax-il sena 'l hawn, minbarra restawr u tiswijiet li għamilt fuq arloġġi tal-knejjes din is-sistema diġà qiegħda taħdem b'suċċess: biex nagħti eżempju l-istess sistema saret fil-knejjes tat-Trinità fil-Marsa, ta' Stella Maris f'ta' Sliema, tas-Sacro Cuor f'ta' Sliema, f'San Gaetano Il-Ħamrun, f' ta' San Ġorġ Ħal Qormi, f'Ħal Għaxaq, f'San Pawl Rabat, f'Sant'Elena ta' Birkirkara, f'Marsaxlokk u anke fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta. Barra dawn kont ġejt ikkomissjonat it-tiswija tal-arloġġ li hemm quddiem il-Palazz tal-President fi Pjazza San Ġorġ fil-Belt.

Fuq l-arloġġ tal-Qrendi inżid li l-Qrendin kollha għandhom biex ikunu kburin b'dan l-arloġġ għax huwa wieħed mil-eqdem arloġġi f'Malta li se jerġa' jaħdem. Għalhekk huwa meqjus bħala wieħed mit-teżori sbieħ li ħallewlna missirijietna.

Nirringrazzja lill-Kappillan, Dun Mario Mifsud u l-Prof. Dun Manwel Agius għall-ħerqa u l-interess biex isir u jitlesta x-xogħol meħtieġ fuq l-arloġġ. Nirringrazzja lilek ukoll Ninu tal-għajnuna li dejjem sibt mingħandek, speċjalment biex nista' niġi naħdem fuq il-post, anke f'ħinijiet mhux normali.

Steve, biex ngħalqu din l-intervista nixtieq, f'ismi u f'isem il-Qrendin kollha, nagħtik prosit tax-xogħol tassew professjonali li għamilt fuq dan l-arloġġ u l-għaqal li wrejt biex żammejt l-oriġinalità tiegħu intatta filwaqt li nawguralek aktar xogħol fuq dan il-patrimonju Malti.





